VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,740, 14 ta' Marzu, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 85 tal-2017**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(Kap. 327)**

**Ir-Regolamenti tal-2017 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 għat-Tmexxija tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2017 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 għat-Tmexxija tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 għat-Tmexxija tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, ippubblikati bħala Avviż Legali 132 tal-2013, li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-eżamijiet li jsiru mill-1 ta' Marzu 2017 'il quddiem.

**L-Emenda tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali**

3. Minflok ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Kumitat tad-Dixxiplina**

11. (1) Każijiet ta' qerq, attentat ta' qerq jew attentat biex jittieħed vantaġġ inġust waqt eżami b'xi mod ieħor għandhom ikunu investigati minn Kumitat tad-Dixxiplina maħtur mis-Senat.

(2) Il-Kumitat tad-Dixxiplina għandu jkun magħmul miċ-*Chairman* tal-Bord tal-MATSEC, mill-*Principal Subject Area Officer* responsabbli għas-suġġett li fih seħħet l-irregolarità, miċ-*Chairman* tal-*Panel* tal-*Markers* tal-eżami, mid-Direttur tal-MATSEC *Support Unit* u minn membru maħtur mill-Bord tal-MATSEC.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(3) Il-Kumitat tad-Dixxiplina għandu jimponi pieni f'każijiet fejn ikun stabbilit li kien hemm ksur tar-regolamenti.

(4) Il-pieni għandhom ivarjaw fis-severità skont il-firxa u n-natura tal-ksur ta' dawn ir-regolamenti kif aċċertat mill-Kumitat tad-Dixxiplina, każijiet preċedenti ta' imġieba ħażina mill-kandidat, u kwalunkwe ċirkostanzi estenwanti.

(5) Il-Kumitat tad-Dixxiplina jista' jagħti piena kif iqis xieraq. Il-Kumitat tad-Dixxiplina jista':

(a) iwiddeb lill-kandidat u joħroġ twissija lill-kandidat dwar pieni aktar ħorox jekk fil-futur jinkisru r-regolamenti għal darb'oħra;

(b) joħroġ twissija u jbaxxi r-riżultat tal-eżami fis-suġġett;

(ċ) joħroġ twissija u joħroġ grad li bih il-kandidat jeħel fis-suġġett;

(d) jikkanċella r-riżultati tal-eżamijiet kollha li l-kandidat ikun għamel f'dik is-sessjoni partikolari meta seħħet l-irregolarità;

(e) jeħtieġ lill-kandidat li jħallas għal, jew inkella jagħmel tajjeb għal, kwalunkwe ħsara/ħsarat li tkun saret, jew spejjez oħra mġarrba mill-Bord tal-MATSEC bħala konsegwenza diretta tal-imġieba ħażina;

(f) temporanjament jissospendi lill-kandidat milli joqgħod għal kwalunkwe eżami tal-Bord tal-MATSEC għal perijodu ta' żmien definit;

(g) jirreżerva d-dritt li jannulla ċertifikat/i mogħti/ja preċedentement;

(h) iħassar r-riżultati kollha u / jew kwalunkwe riżultat tal-eżamijiet li l-kandidat ikun għamel f'xi sessjoni preċedenti, sakemm li din is-sanzjoni tkun applikata biss meta l-Kumitat tad-Dixxiplina iqis li huwa fl-interess tal-ġustizzja li jsir hekk; u

(i) jadotta kwalunkwe taħlita tal-pieni definiti hawn fuq.

(6) Minuti tal-laqgħat kollha li jsiru mill-Kumitat tad-Dixxiplina u tal-pieni li jingħataw bħala riżultat ta' dawn il-laqgħat għandhom jinżammu mill-Bord tal-MATSEC.

(7) Kull kandidat li l-kondotta tiegħu waqt xi eżami tkun qed tiġi nvestigata għandu jkun infurmat bil-miktub dwar in-natura tal-allegazzjoni u għandu jkun mistieden biex jattendi għall-laqgħa tal-Kumitat tad-Dixxiplina meta l-każ tiegħu/tagħha jkun se jiġi diskuss. F'każijiet fejn il-kandidati huma minuri, il-

VERŻJONI ELETTRONIKA



ġenituri/gwardjani tagħhom għandhom ikunu nfurmati wkoll. Il-kandidat jista' jkun akkumpanjat minn rappreżentat tal-għażla tiegħu. Jekk il-kandidat ikun akkumpanjat minn konsulent legali, ir-rwol tal-konsulent legali għandu jkun li jipprovdi appoġġ lill-kandidat u mhux rappreżentazzjoni legali. Il-kandidat għandu jkun responsabbli għall-arranġamenti kollha tal-konsulent legali. F'dan il-każ, il-partijiet l-oħra għandhom ikunu nfurmati minn qabel.

(8) Il-Kumitat tad-Dixxiplina għandu s-saħħa li jressaq persuni bil-għan li jagħtu xhieda fi kwalunkwe seduta.

(9) Jekk kandidat ma jattendix laqgħa tal-Kumitat tad-Dixxiplina, il-Kumitat tad-Dixxiplina xorta jista' jipproċedi bil-laqgħa fl-assenza tiegħu/tagħha sakemm li l-kandidati li ma jidhrux quddiem il-Kumitat tad-Dixxiplina jkunu meqjusa li rrinunzjaw għad-dritt li jinstemgħu.

(10) Il-kandidat għandu jitħalla joqgħod għal kwalunkwe eżami ieħor li jkun irreġistra għalih matul l-istess sessjoni ta' eżamijiet.

(11) Il-ħruġ tar-riżultati tal-kandidat jista' jkun sospiż sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat tad-Dixxiplina.

(12) Il-Kumitat tad-Dixxiplina jista', f'ċirkostanzi speċjali, jikkunsidra id-deċiżjoni tiegħu mill-ġdid jew b'deċiżjoni tiegħu stess jew wara talba biex isir dan mill-kandidat ikkonċernat,
sakemm li, għall-finijiet ta' dan ir-regolament, 'ċirkostanzi speċjali' tfisser biss dawk iċ-ċirkostanzi fejn evidenza ġdida ssir disponibbli li ma setgħatx tkun disponibbli qabel għall-Kumitat tad-Dixxiplina meta l-każ kien qed jinstema u / jew ma kienitx disponibbli dak iż-żmien.

(13) Qabel ma jikkunsidra l-każ mill-ġdid, il-Kumitat tad-Dixxiplina għandu l-ewwel jiddetermina jekk l-evidenza hi evidenza ġdida li ma setgħatx tkun disponibbli qabel għall-Kumitat tad-Dixxiplina meta l-każ kien qed jinstema u / jew ma kienitx disponibbli dak iż-żmien.

(14) Talba għal rikonsiderazzjoni tista' ssir mill-kandidat bil-miktub liċ-*Chairperson* tal-Bord tal-MATSEC sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kumitat tad-Dixxiplina.

(15) Meta l-Kumitat tad-Dixxiplina jiddeċiedi li jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu, għandu jinforma lill-kandidat bl-evidenza l-ġdida li seta' rċieva u għandu jagħti lill-kandidat l-opportunità biex jirribatti din l-evidenza ġdida."